



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 124/12
il-Lussemburgu, l-4 ta' Ottubru 2012

Sentenza fil-Kawża C-22/11
Finnair Oyj/Timy Lassooy

It-trasportatur tal-ajru huwa obligat jikkumpensa lill-passiġġieri meta dawn ma jitħallewx jitlegħu fuq l-ajruplan minħabba r-riorganizzazzjoni tat-titjira tagħhom wara strajk fl-ajruport li jkun seħħ jumejn qabel

Il-kumpens talli passiġġieri ma jitħallewx jitlegħu fuq ajruplan ma jirrigwardax biss il-każijiet ta' wisq riżervazzjonijiet iżda wkoll dawk dovuti għal raġunijiet oħra, b'mod partikolari operattivi

Ir-Regolament dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri¹ jagħti ċerti drittijiet lill-passiġġieri tal-ajru li jitlegħu jew jaslil fuq ajruport li jinsab fi Stat Membru. Skont dan ir-regolament, il-fatt li passiġġieri ma "jitħallewx jitlegħu" jfisser li t-trasportatur tal-ajru jirrifjuta li jitransporta, kontra l-volontà tagħhom, passiġġieri li jkollhom riżervazzjoni kkonfermata u li jkunu ppreżentaw ruħhom fil-ħin għat-tluġ. Madankollu, ir-regolament jipprovdli każijiet fejn tali rifjut jista' jkun iġġustifikat mit-trasportatur. Bl-eċċezzjoni ta' dawn il-każijiet, il-passiġġieri għandhom id-dritt għal kumpens immedjat, għar-rimbors tal-prezz tal-biljett jew li jitqiegħdu fuq rotta differenti lejn id-destinazzjoni finali tagħhom kif ukoll li jaraw li t-trasportatur jieħu f'isiebhom matul il-perijodu ta' stennija tagħhom għat-titjira li jmiss.

Wara strajk tal-persunal tal-ajruport ta' Barcelona, fit-28 ta' Lulju 2006, it-titjira regolari bejn Barcelona u Helsinki tal-11.40 ta' filgħodu magħmula mill-kumpannija Finnair kellha tiġi kkanċellata. Wara din il-kanċellazzjoni tat-titjira, Finnair iddeċidiet li tirriorganizza t-titjiriet tagħha sabiex il-passiġġieri ta' din it-titjira ma jkollhomx jistennew għal żmien twil wisq. Għalhekk, il-passiġġieri ta' din it-titjira ttejdu lejn Helsinki permezz tat-titjira tal-għada (id-29 ta' Lulju 2006) tal-11.40 ta' filgħodu, kif ukoll permezz ta' titjira charter tad-9.40 ta' filgħaxija tal-istess jum. Din ir-riorganizzazzjoni kellha l-konsegwenza li parti mill-passiġġieri li kienu xtraw il-biljett tagħhom għat-titjira tad-29 ta' Lulju 2006 tal-11.40 ta' filgħodu kellhom jistennew sat-30 ta' Lulju 2006 biex jaslil fuq Helsinki permezz tat-titjira regolari tal-11.40 ta' filgħodu jew permezz ta' titjira tad-9.40 ta' filgħaxija li kienet ġiet chartered apposta għal dan il-għan. Bl-istess mod, ċerti passiġġieri, bħal T. Lassooy, li kienu xtraw il-biljett tagħhom għat-titjira tad-30 ta' Lulju 2006 tal-11.40 ta' filgħodu u li kienu ppreżentaw ruħhom biex jitlegħu kif suppost, waslu fuq Helsinki permezz tat-titjira speċjali tad-9.40 ta' filgħaxija tal-istess jum. Dawn il-passiġġieri msemmija l-aħħar ma rċew ebda kumpens mingħand Finnair.

Peress li T. Lassooy ikkunsidra li Finnair ma kinitx f'allietu jitlegħu fuq l-ajruplan mingħajr raġuni valida, huwa ppreżenta rikors quddiem il-qorti Finlandiżi sabiex il-kumpannija tal-ajru tiġi kkanċellata tħallu l-kumpens ta' EUR 400, kif previst fir-regolament fir-rigward ta' titjiriet intra-Komunitariji ta' iktar minn 1 500 kilometru.

F'dan il-kuntest, fl-istadju tal-appell il-Korkein oikeus (il-Qorti Suprema, il-Finlandja) tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-portata tal-kunċett ta' "li ma jitħallewx jitlegħu" kif ukoll dwar il-possibbiltà li trasportatur tal-ajru jinvoka ċirkustanzi straordinarji sabiex b'mod validu ma jħallix passiġġieri jitlegħu fuq titjiriet li jiġu wara t-titjira li ġiet kkanċellata minħabba tali ċirkustanzi jew sabiex jeżenta ruħu mill-obbligu li huwa għandu li jikkumpensa lill-passiġġieri li ma tħallewx jitlegħu.

¹ Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitlegħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li [...] jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

Fis-sentenza tagħha ta' llum, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **l-kunċett ta' "li ma jitħallewx jitlegħu" ma jikkonċernax biss il-każijiet fejn ikun hemm wisq riżervazzjonijiet iżda wkoll il-każijiet fejn passiġġieri ma jitħallewx jitlegħu għal raġunijiet oħra, b'mod partikolari operattivi.**

Din l-interpretazzjoni ma tirriżultax biss mill-kliem tar-regolament iżda wkoll mill-għan imfittex minnu, jiġifieri dak li jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni tal-passiġġieri tal-ajru. Fil-fatt, bil-għan li jnaqqas in-numru ta' passiġġieri li ma jitħallewx jitlegħu kontra l-volontà tagħhom, li kien għoli wisq, fl-2004 l-leġislatur tal-Unjoni introduċa leġislazzjoni ġdida li tagħti sens iktar wiesa' lill-kunċett ta' "li ma jitħallewx jitlegħu" u li tikkonċerna l-każijiet kollha fejn trasportatur tal-ajru jirrifjuta li jittrasporta passiġġier. Għalhekk, il-fatt li l-kunċett ta' "li ma jitħallewx jitlegħu" jiġi limitat biss għal każijiet fejn ikun hemm wisq riżervazzjonijiet ikollu bħala effett, fil-prattika, li l-protezzjoni mogħtija lill-passiġġieri tonqos b'mod konsiderevoli billi jiġu esklużi minn kull protezzjoni, anki jekk isibu ruħhom f'sitwazzjoni li, l-istess bħall-każijiet ta' wisq riżervazzjonijiet, ma tistax tiġi imputata lilhom – u dan ikun imur kontra l-għan tal-leġislatur.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li **l-fatt li jseħħu ċirkustanzi straordinarji - bħal strajk - li jwasslu sabiex trasportatur tal-ajru jirriorganizza titjiriet sussegwenti ma jiġġustifikax li passiġġieri ma jitħallewx jitlegħu u lanqas ma jeżenta lil dan it-trasportatur mill-obbligu ta' kumpens li huwa għandu fil-konfront tal-passiġġieri li ma tħallewx jitlegħu fuq waħda mit-titjiriet charter sussegwenti.**

F'dan ir-rigward ir-regolament jipprovdi, minn naħa, il-każijiet fejn ikun iġġustifikat li passiġġieri ma jitħallewx jitlegħu, b'mod partikolari għal raġunijiet ta' saħħa, sigurezza u sigurtà, jew dokumentazzjoni tal-ivvjaġġar mhux xierqa. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li rifjut bħal dak inkwistjoni f'din il-kawża ma jistax jiġi assimilat għal tali raġunijiet, għaliex ir-raġuni tar-rifjut ma hijiex imputabbli lill-passiġġier.

Min-naħa l-oħra, din is-sitwazzjoni hija paragonabbli għal każ fejn passiġġieri ma jitħallewx jitlegħu minħabba wisq riżervazzjonijiet inizjali, li jkun ttejdu mit-trasportatur għal raġunijiet ekonomiċi. Għalhekk, Finnair kienet tat il-post ta' T. Lassooy sabiex tkun tista tittrasporta passiġġieri oħra, filwaqt li pproċediet hija nnifisha għall-għażla tal-passiġġieri li għandhom jiġu ttrasportati.

Għalkemm din l-attribuzzjoni mill-ġdid saret sabiex jiġi evitat li l-passiġġieri milquta mit-titjiriet ikkanċellati, minħabba l-istrajk, ma jkunux suġġetti għal-ħinijiet ta' stennija twal wisq, madankollu Finnair ma setgħetx tinvoka l-interess tal-passiġġieri l-oħra sabiex testendi b'mod konsiderevoli l-każijiet fejn hija jkollha d-dritt li, b'mod iġġustifikat, ma tħallix passiġġieri jitlegħu. Din l-estensjoni jkollha neċessarjament bħala konsegwenza li l-passiġġieri tat-titjiriet sussegwenti jiġu mċaħħda minn kull protezzjoni, u dan ikun imur kontra l-għan imfittex mir-regolament.

Min-naħa l-oħra, mir-regolament jirriżulta li t-trasportatur tal-ajru ma huwiex obligat li jħallas il-kumpens fil-każ li t-tijira tiġi kkanċellata minħabba "ċirkustanzi straordinarji", jiġifieri dawk li ma setgħux jiġu evitati anki li kieku ttejdu l-miżuri kollha raġonevoli. Din hija s-sitwazzjoni tal-passiġġieri li ma tħallewx jitlegħu fil-ġurnata tal-istrajk. Madankollu, il-leġislatur tal-Unjoni ma pprovdix li l-kumpens dovut lill-passiġġieri fil-każ li dawn ma jitħallewx jitlegħu kontra l-volontà tagħhom jista' jitwarrab għal raġunijiet marbuta mas-seħħ ta' "ċirkustanzi straordinarji". Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li ċ-ċirkustanzi straordinarji jistgħu jikkonċernaw biss titjira partikolari f'ġurnata partikolari, u dan ma huwiex il-każ meta passiġġieri ma jitħallewx jitlegħu minħabba r-riorganizzazzjoni tat-titjiriet sussegwenti għaċ-ċirkustanzi straordinarji li effettwaw titjira preċedenti.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li din il-konklużjoni ma tipprekludix lit-trasportatur tal-ajru milli jitlob, sussegwentement, kumpens mingħand kull persuna, inklużi terzi, li kienet responsabbli għall fatt li passiġġieri ma jitħallewx jitlegħu. Tali kumpens jista' jtaffi, jekk mhux saħansitra jxejjen, l-oneru finanzjarju sostnut mit-trasportaturi.

TFAKKIRA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti li, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, il-qorti tal-Istati Membri jistaqsu lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li

għandha tiddeċiedi l-kawża b'mod konformi mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qradi nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Stampi tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106